**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Illum il-Gimgha, 27 ta' Mejju 2022**

**Kumpilazzjoni: 4/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Carmel Mugliett**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Carmel Mugliett, ta' disgha u hamsin (59) sena, iben Carmelo u Mary nee' Gatt, imwieled Pieta' fit-13 ta' Lulju 1962, residenti fil-fond 12, 'Zahra', Flat 1, Triq il-Friefet, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 457762(M), akkuzat talli nhar il-21 ta' April 2015, f'xi hin bejn 12:00hrs u

16:00hrs minn gewwa l-istabbiliment Cake Creations, li jinsab fi Triq San Guzepp Labre', Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ohra li l-valur taghhom hu aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kwalifikat bil-valur u bil-mezz u dan ghad-dannu ta' Raphael Pace u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 u 267 tal-Kapitolu 9;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma taqbizx aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) u li saret ghad-dannu ta' Raphael Pace u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9;

4. U aktar talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li huma definittivi li ma jistghux jigu mibdula jew mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti sejra tghaddi biex issib htija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Dwar it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet, din il-Qorti ghandha s-segwenti osservazzjonijiet x'taghmel:

Din il-Qorti tirrileva li dwar it-tieni (2) imputazzjoni hekk kif gie vverbalizzat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-7 ta' April 2022, din hija alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni. Din il-Qorti tqis li una volta li jirrizulta s-serq, ma setax jirrizulta ukoll ir-reat ta' ricettazzjoni. Ghalhekk, l-imputat nonostante l-ammissjoni tieghu, sejjer jigi liberat minn din it-tieni (2) imputazzjoni.

Dwar it-tielet (3) imputazzjoni, din il-Qorti tirrileva li din l-imputazzjoni hija preskritta. Jirrizulta mill-atti tal-Inkjesta Magisterjali illi sa mit-28 ta' Gunju 2016, kien sar rikors mill-Ufficcjal Investigattiv fejn gie indikat li z-zewg marki tas-swaba' li

kienu elevati mill-post fejn saret is-serqa jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern. Ghalhekk, ma jistax jigi applikat dak stipulat fl-artikolu 692 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' sentejn ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, tali imputazzjoni hija preskritta anke jekk it-terminu preskrittiv ma jigix ikkunsidrat mill-jum tal-konsumazzjoni ai termini tal-artikolu 691(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda mill-jum meta l-identita' kienet a konoxxenza tal-Pulizija.

Dwar ir-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li r-reċidiva hija reat u akkuża per se, u għalhekk titlob li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġi żgurat li persuna tinstab ħatja jew le, skont il-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Abela Paul, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004, intqal:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita` ... l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
>
> *Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Zahra, mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti -permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawża ġiet eżebita biss il-fedina penali tal-imputat. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova din l-imputazzjoni, ħaġa li ma saritx. Illi fid-dawl tal-fatt li ma ġiex ippruvat l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ, lanqas tista' tinstab ħtija għal dak li hemm fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dana qed jinghad nonostante l-ammissjoni li giet registrata fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti qieset li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti. Il-Qorti qieset li sal-lum l-imputat jixtieq jikkumpensa lill-vittma izda ma ghandux mezzi peress li huwa jinsab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-Qorti qieset ukoll il-fedina tal-imputat.

Dwar l-oggetti misruqa lis-sid, il-Prosekuzzjoni vverbalizzat li l-ammont misruq kien ta' elfejn u hames ewro (€2,500) peress li nsterqu hames mitt ewro (€500) mill-cash register u elfejn ewro (€2,000) minn go pouch fl-istess hanut. Gie vverbalizzat ukoll li l-hsara fil-bieb tal-hanut sabiex sar l-isgass kienet tammonta ghal mitejn ewro (€200).

Il-Qorti qieset li r-reat huwa meqjus aggravat bil-valur u bil-mezz. Per konsegwenza, din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skont l-artikoli 278(2) u 280(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja b'mod effettiv hija l-iktar piena idonea f'dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 261(b) u (c), 263, 265, 267, 278 (1) u (2), 279(b), 280(2), 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Carmel Mugliett, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-ewwel (1) imputazzjoni, dedotta kontrieh u tikkundannah prigunerija ghal tmintax (18)-il xahar, filwaqt li qieghda tilliberah mit-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u tiddikjara li t-tielet (3) imputazzjoni hija preskritta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A (1) tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati jhallas fi zmien sentejn mil-lum is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) lil Raphael Pace. Tawtorizza lill-istess hati biex ihallas din is-somma f'rati mensili ta' mija u hames ewro (€105) fix-xahar, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ahhar ta' Gunju 2022.

In vista tal-fatt li gew mahtura esperti fl-Inkjesta Magisterjali li saret in konnessjoni ma' dan il-kaz, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, qed tordna lill-hati jhallas is-somma ta' elf u mitejn ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,200.22c) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Il-Qorti tordna li ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Maġistrat Simone Grech**

____________________________

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**